MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 7/17/1 LM

**Oscar Couldrey (K.I. 113486A)**
***(l-appellant)***

***vs.***

**Yacht Projects Limited (C 68710)**
***(l-appellata)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur, illum appellant, **Oscar Couldrey** (K.I. 113486A) mis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2019, (minn issa 'l

quddiem "is-sentenza appellata") mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha ddeċieda illi:

> *"... Jiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra l-istess attur."*

## **Fatti**

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat mill-attur fid-9 ta' Jannar, 2017, l-attur talab lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu s-somma ta' elfejn, mitejn u disgħa u sebgħin Euro (€2,279) rappreżentanti kummissjonijiet li huwa jinsisti li huma dovuti lilu għal xogħol li huwa ġġenera għas-soċjetà konvenuta tul ix-xahar ta' Mejju 2016.

## **Mertu**

3. Permezz tal-azzjoni istititwita quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, l-attur qiegħed talab li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' elfejn, mitejn u disgħa u sebgħin Euro (€2,279) rappreżentanti *commissions* dovuti lilu għal bejgħ li s-soċjetà konvenuta għamlet tul ix-xahar ta' Mejju 2016. L-attur kien impjegat mas-soċjetà Yacht Shop Limited, minn fejn kien jitħallas salarju kull xahar, flimkien ma' kummissjoni bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) fuq il-bejgħ iġġenerat minnu, filwaqt li kellu wkoll arranġament mas-soċjetà konveuta, illum appellata, **Yacht Projects Limited** li kellha tħallsu

*commissions* ta' ħamsa fil-mija (5%) fuq il-bejgħ iġġenerat minnu. Bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub.

4. Is-soċjetà konvenuta wieġbet li l-ammont pretiż mill-attur mhuwiex dovut minnha għaliex hija ma ġġenerat l-ebda profitt fuq ix-xogħol li l-attur qiegħed jallega li għaddielha. Qalet li kien hemm għadd ta' *credit notes* li l-attur kellu jassigura li jitħallsu lilha, iżda li baqgħu ma tħallsux, u kien għalhekk li hija ma ġġeneratx il-qligħ ipprospettat. Huwa għalhekk li l-*commissions* li l-attur qiegħed jippretendi li huma dovuta lilu, fil-fatt mhumiex dovuta. Ġie eċċepit ukoll li l-*commissions* li kienu jitħallsu lill-attur, kienu jitħallsu fuq il-qligħ iġġenerat mis-soċjetà konvenuta u mhux fuq il-bejgħ kollu li jsir, u f'każ li mill-bejgħ jew mix-xogħol li jsir ma jiġux iġġenerati profitti, ma jkun hemm l-ebda *commission* dovuta. L-attur min-naħa tiegħu insista li tul ix-xahar ta' Mejju 2016, il-bejgħ li huwa ġġenera għas-soċjetà konvenuta kien jammonta għal €119,999.34, u għalhekk il-*commission* li kellha titħallas lilu kellha tammonta għal €5,999.97, li minnhom huwa tħallas is-somma ta' €3,721, u għalhekk għad fadallu jitħallas bilanċ ta' €2,279. Minkejja li fix-xhieda tagħhom rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta qalu li għamlu diversi tentattivi sabiex jitkellmu mal-attur u jispjegawlu għalfejn is-somma pretiża minnu mhijiex dovuta lilu, dan dejjem irrifjuta li jitkellem mal-esponenti tas-soċjetà konvenuta, u minflok fetaħ il-proċeduri quddiem it-Tribunal.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2019, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad it-talbiet tal-attur u ordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-attur, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Din hija talba għall-ħlas ta' elfejn, mitejn u disgħa u sebgħin euro (€2,279) bħala 5% commission li l-attur qed jippretendi mingħand is-soċjetà konvenuta għal sales ġenerati f'Mejju, 2016. Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li dawn il-flus mhux dovuti stante li ma kien hemm ebda qligħ fuq dawn is-sales u l-ftehim mal-attur kien li l-commission titħallas fuq sales li jħallu qligħ. Ta' dan is-soċjetà konvenuta tikkwota l-affidavit tal-attur stess fl-ittra uffiċjali bil-proċedura tal-Artikolu 166A a fol. 22 li fiha jiddikjara li l-5% commission kienet 'fuq il-profitti';*
>
> *Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat ma' Yacht Shop Limited u kien jitħallas commission għal kuntratturi li jġib lis-soċjetà konvenuta Yacht Projects Limited, liema kuntratturi jagħmlu ordni ta' xogħol u jibagħtu quote lill-attur, l-attur jagħmel il-mark-up u jibgħatha lill-kuntrattur u jekk dan jaċċettaha jibda x-xogħol u kif jitlesta s-soċjetà konvenuta tibgħat l-invoice u kif titħallas mill-kuntrattur jitħallas 5% commission l-attur. Illi kif ġie dikjarat fis-sentenza '**George Bugeja vs Joseph Meilak**' mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru, 2003:*
> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-Ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet.*
>
> *Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."*

*Mir-rendikont preżentat mill-attur a fol. 17 et fiha l-attur isemmi l-profitti li għamlet il-kumpannija fuq kull ordni u kif wasal għall-ammont ta' kummissjoni mitluba f'din il-kawża. Fejn ma kienx hemm profitti l-attur ma niżżel xejn f'dak li huwa dovut lilu fl-istess rendikont fol. 17 et.*

*Minn fol. 17 l-attur isemmi l-kummissjoni li hija dovuta fuq cash sales (li prova ta' dan ma saritx), invoices 207, 208, 209, 210, 211, 212, 213, 214, 215, 217, 220, 219, 221, 224, 225, 226, 227, 228, 126, 233, 234 u delivery notes (prova ta' dan ma saritx).*

*Illi d-dokumenti esebiti mis-soċjetà konvenuta stess jirriżulta li:*

*Invoice 201 a fol. 210 tal-proċess fl-ammont ta' ħamest elef, erba' mija u ħamsa u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€5,475.20), erbat elef, sitt mija u erbgħin euro (€4,640) plus vat jirriżulta minn fol. 164 u 166 li l-kumpannija ma għamlitx qligħ.*

*Invoice 217 a fol. 167, ukoll jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ċċarġjat l-istess ammont mitlub minn Motherwell Bridge; invoice 220 a fol. 170 l-istess, invoice 221 a fol. 172 l-istess, invoice 226 a fol. 175 ukoll jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ċċarġjat l-istess ammont mitlub minn Motherwell Bridge; l-istess invoice 227 a fol. 181 ukoll ġara hekk; l-istess invoice 228 a fol. 185; u anke invoice 229 a fol. 189 li minnhom jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ma għamlitx profitt. Dwar l-invoice 195 il-partijiet jaqblu li fuq din l-invoice l-attur kien tħallas il-kummissjoni dovuta lilu.*

*Iżda dwar l-invoices l-oħra msemmija ma nġabet l-ebda prova.*

*Jonqos biss għalhekk li dan it-Tribunal jirrelata dwar jekk il-kummissjoni dovuta hix fuq sales kif jikkontendi l-attur jew fuq profitti kif tikkontendi s-soċjetà konvenuta.*

*Skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Novembru, 2005, fl-ismijiet* ***Anthony Degiorgio vs Stephen Degiorgio:***

*"Huwa ferm loġiku illi l-intitolar għall-kummissjoni ma tiskattax awtomatikament għax sempliċiment jiġi demostrat illi l-ftehim negozjali ġie finalizzat. Kif tgħallem il-ġurisprudenza biex medjatur ikollu dritt għal senserija jew il-kummissjoni appattwita hu jeħtieġlu juri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi kien hu li wassal lill-partijiet għall-ftehim definittiv fuq il-kundizzjonijiet kollha, sostanzjali u aċċidentali tal-operazzjoni. (Ara Kollezz. Vol. XXXVI p. II p. 394, Vol. XXXVII p. I p. 89 u Vol. XLII p. II p. 1135 fost bosta oħrajn)."*

*Jirriżulta li l-ammont mitlub jemani minn ordnijiet magħmula minn Motherwell Bridge kumpannija li kellha kuntratt mas-soċjetà konvenuta u mhux kumpannija li ġabet ix-xogħol lis-soċjetà konvenuta bis-saħħa tal-attur.*

*Inoltre mill-provi prodotti jirriżulta ċar li l-attur ma għandux raġun kemm minħabba dak li kien iddikjara bil-ġurament tiegħu fl-ittra uffiċjali bil-proċedura tal-Artikolu 166A ċioe li dawn kienu kummissjoni fuq il-profitti kif ukoll kif jirriżulta mir-rendikont preżentat mill-attur stess f'din il-kawża a fol. 17 et fejn huwa jibbaża l-kummissjoni dovuta fuq il-profitt magħmul tant li fejn ma sarx profitt huwa ma jippretendi xejn u dan kif jirriżulta minn l-istess dokument.*

*Inoltre l-invoices kollha msemmija mill-attur fir-rendikont tiegħu a fol. 17 et ma ġewx preżentati u dawk li ġew preżentati juru li s-soċjetà konvenuta ma għamlitx profitt f'dawk l-okkażjonijiet.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra l-istess attur."*

**L-Appell**

6. Il-konvenut ippreżenta l-appell tiegħu fil-11 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tħassar kompletament is-sentenza appellata mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-21 ta' Ġunju tas-sena 2019 fl-ismijiet* ***Oscar Couldrey vs Yacht Projects Limited (C 68710)*** *u minflok tiddeċiedi t-talba billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur appellanti u dan bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà appellata, inkluż l-imgħax minn Awwissu tas-sena 2016 u bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166 A numru 2112/12."*

7. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex: (i) sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, it-Tribunal għamel apprezzament

ħażin tal-provi kollha prodotti; (ii) is-sentenza tat-Tribunal ingħatat fuq konklużjoni ħażina; (iii) it-Tribunal ma kellu qatt jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta minħabba li mhijiex il-prassi li l-kummissjoni titħallas fuq il-profitti li jsiru, u din l-allegazzjoni li saret mis-soċjetà konvenuta u li abbażi tagħha ngħatat is-sentenza mit-Tribunal, ma ġietx ippruvata; (iv) it-Tribunal ma kellux jilqa' lanqas it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta minħabba li mkien ma ġie ppruvat li l-attur kien responsabbli għall-ġbir tal-*credit notes,* jew li dawn l-allegati *credit notes* verament qatt ma waslu għand is-soċjetà appellata.

**Ir-Risposta tal-Appell**

8. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà konvenuta baqgħet issostni li l-ħamsa fil-mija (5%) kummissjoni li kien intitolat għaliha l-attur, kellha titħallas fuq il-bejgħ li jiġġenera profitt u mhux fuq il-bejgħ kollu li jiġi ġġenerat minnha. Is-soċjetà appellata sostniet li ebda bilanċ mhuwa dovut minnha lill-attur, u li hu min-naħa tiegħu kellu jġib prova li n-negozju ġie konkluż bis-saħħa tiegħu. Is-soċjetà appellata sostniet li kif jirriżulta mid-dokument esebit *a fol.* 17 mill-attur innifsu, ma kienet titħallas l-ebda kummissjoni lill-attur fuq *invoices* li ma jiġġenerawx profitt, u kif jidher ċar minn dan id-dokument, fejn ma ġew irreġistrati l-ebda profitti, l-attur mhuwa jippretendi l-ebda ħlasijiet.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-attur, flimkien mar-risposti mogħtija mill-appellati fir-rigward, u dan wara s-sentenza mogħtija mit-Tribunal.

*L-ewwel aggravju: apprezzament ħażin tal-provi prodotti*

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi ppreżentati lilu, partikolarment meta ċċita d-deċiżjoni **Degiorgio *vs.* Degiorgio** u spjega li sabiex parti f'negozju tkun intitolata għall-ħlas tal-kummissjoni, irid jiġi ppruvat li dik il-parti kellha rwol definittiv fil-konklużjoni tal-ftehim li għalaq in-negozjati. L-appellant spjega li Motherwell Bridge Limited kienet *sub-contractor* tas-soċjetà konvenuta, u li din kienet titqabbad tagħmel xogħol għal terzi, jew għall-klijenti tas-soċjetà konvenuta. Spjega li xogħlu mas-soċjetà konvenuta kien jinvolvi negozjati ma' terzi sabiex dawn jagħmlu użu mis-servizzi pprovduti mis-soċjetà konvenuta. Huwa kompla jgħid li s-soċjetà appellata qatt ma qalet li x-xogħol ma sarx minnu, jew li l-bejgħ inkwistjoni ma ġiex konkluż bl-interventi tiegħu, u għalhekk il-ħlas tal-kummissjoni pretiż minnu huwa dovut.

Din il-Qorti għamlet apprezzament mill-ġdid tal-provi ppreżentati quddiem it-Tribunal. Jirriżulta li minkejja li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub li kellu jirregola l-impjieg tal-attur u l-modalità li biha dan kellu jitħallas il-*commissions*, huwa paċifiku għall-partijiet fil-kawża li l-attur kien

impjegat mas-soċjetà Yacht Shop Limited, minn fejn kien jirċievi salarju u kummissjoni ekwivalenti għal tlieta fil-mija (3%), filwaqt li l-arranġament li kellu ma' Yacht Projects Limited kien li huwa kellu jitħallas kummissjoni ta' ħamsa fil-mija (5%) 'fuq il-bejgħ'. Il-partijiet iżda mhumiex jaqblu dwar jekk din il-kummissjoni minn Yacht Projects Limited kellhiex titħallas fuq il-volum tal-bejgħ iġġenerat bis-saħħa tal-intervent tal-attur, jew inkella jekk din il-kummissjoni kellhiex titħallas fuq il-profitti fuq il-bejgħ li kien jiġi ġġenerat bis-saħħa tal-interventi tal-attur. L-appellant isostni li s-soċjetà appellata qatt ma eċċepiet li x-xogħol li huwa qiegħed jippretendi ħlas ta' kummissjoni fuqu ma sarx, jew qajmet dubji dwar jekk il-bejgħ ġiex konkluż bl-interventi tiegħu jew le. Huwa għalhekk li l-appellant jgħid li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti meta għażel li jiċċita d-deċiżjoni fl-ismijiet **Degiorgio *vs.* Degiorgio**, minħabba li s-sostrat ta' dik id-deċiżjoni kien li sabiex persuna tkun intitolata għall-ħlas ta' kummissjoni, irid jiġi ppruvat li n-negozju jew il-bejgħ ġie finalizzat bl-intervent ta' dik il-persuna, li mhux il-każ hawnhekk.

Il-Qorti tirrileva li la waqt dawn il-proċeduri u lanqas waqt il-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, ma ġie spjegat ix-xogħol tal-attur fiex kien jikkonsisti. Jirriżulta iżda li filwaqt li l-proċedura tax-xogħol kienet li l-kumpannija Motherwell Bridge kienet taġixxi bħala *sub-contractor* għal uħud mis-servizzi li kienu jiġu pprestati mis-soċjetà appellata lil terzi, ir-rwol tal-attur kien li dan jassigura li dawn it-terzi jagħmlu użu mis-servizzi offruti mis-soċjetà konvenuta. Il-profitti tas-soċjetà konvenuta kienu jiġu ġġenerati billi din tiffissa *mark-up* fuq il-prezz iffissat minn Motherwell Bridge, u mill-provi prodotti

jirriżulta wkoll li l-kummissjoni li kienet titħallas lill-attur, kienet tinħadem fuq il-qligħ iġġenerat mis-soċjetà konvenuta, u mhux fuq il-prezz kollu miftiehem għax-xogħol li kellu jsir. Jirriżulta wkoll li parti sostanzjali minn dan il-prezz kien dovut lil terzi, fosthom lis-soċjetà Motherwell Bridge, għax-xogħol imwettaq minnha.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li diversi servizzi ngħataw lill-klijenti tas-soċjetà konvenuta bis-saħħa tal-interventi tal-attur, madanakollu jirriżulta ċar mill-provi prodotti li l-kummissjoni lill-attur kienet titħallas fuq il-qligħ iġġenerat mis-soċjetà konvenuta, u mhux fuq it-total ta' bejgħ li jsir. Bl-argument tal-attur, jekk is-soċjetà konvenuta tagħmel it-telf jew tonqos li tipperċepixxi qligħ għaliha, xorta waħda tkun dovuta il-kummissjoni lilu. Il-Qorti qieset li l-aqwa prova li ġiet ippreżentata fil-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, hija d-dokument li jinsab *a fol.* 17 tal-proċess, minn fejn jirriżulta li l-attur ma ppretenda l-ebda ħlas ta' kummissjoni f'dawk l-istanzi fejn is-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel profitt fuq is-servizzi jew prodotti offruti minnha. Fin-nuqqas ta' prova bil-miktub dwar x'kien il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, il-Qorti tqis li d-dokument ippreżentat *a fol.* 17 tal-proċess huwa l-aqwa prova ta' dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet, jiġifieri li l-ħlas tal-kummissjoni lill-attur jinħadem fuq il-qligħ li tiġġenera s-soċjetà konvenuta u mhux fuq il-volum tal-bejgħ.

*It-tieni aggravju:* *l-appellant isostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat fuq konklużjoni ħażina*

L-appellant jgħid li t-Tribunal wasal għal konklużjoni żbaljata meta ddeċieda li huwa biddel il-verżjoni tiegħu meta l-ewwel qal li l-kummissjoni dovuta lilu kellha titħallas fuq il-profitti tas-soċjetà konvenuta, u sussegwentement qal li l-kummissjoni kienet dovuta lilu fuq it-total tal-volum ta' bejgħ iġġenerat. L-appellant jgħid li l-pożizzjoni tiegħu dejjem kienet li l-kummissjoni għandha titħallas lilu fuq il-volum tal-bejgħ u mhux fuq il-profitti ġġenerati mis-soċjetà appellata bis-saħħa tax-xogħol li kien jgħaddi lilha bl-intervent tal-attur. Din il-Qorti rat l-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, minn fejn jirriżulta li kien hemm drabi fejn l-attur stqarr li l-kummissjoni għandha titħallas lilu fuq it-total tal-bejgħ konkluż, u kien hemm drabi fejn qal li l-kummissjoni kienet dovuta lilu fuq il-profitti li s-soċjetà konvenuta tagħmel fuq il-bejgħ. Il-Qorti kkonsidrat li l-aqwa prova ta' x'kien miftiehem bejn il-partijiet jibqa' d-dokument esebit *a fol.* 17 tal-atti, fejn jirriżulta li l-attur ma vvanta l-ebda pretensjoni għall-ħlas ta' kummissjoni f'dawk l-istanzi fejn mix-xogħol iġġenerat ma kien hemm l-ebda profitt għas-soċjetà konvenuta. Mill-ispjega li ngħatat mix-xhud Karl Borg, dwar kif kien l-andament tax-xogħol li kien isir mis-soċjetà konvenuta, jirriżulta li fuq il-prezz ikkwotat mis-*sub-contractor,* li diversi drabi kienet Motherwell Bridge, l-attur kien iżid *mark-up* rappreżentanti l-profitt tas-soċjetà konvenuta, li kien jinkludi wkoll il-kummissjoni dovuta lilu. Għaldaqstant huwa evidenti li l-kummissjoni li l-attur qiegħed jippretendi li hija dovuta lilu, kellha titħallas biss f'każ li s-soċjetà konvenuta tiġġenera qligħ mix-xogħol li attira l-attur u mhux mod ieħor.

*It-tielet aggravju:* *L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ma kellhiex tiġi milqugħa mit-Tribunal*

L-appellant isostni li kull *salesman* jitħallas perċentwali fuq il-prezz tal-bejgħ u mhux fuq il-profitt, in sostenn tal-argument tiegħu li l-ftehim bejn il-partijiet kien li hu kellu jirċievi ħamsa fil-mija (5%) kummissjoni fuq it-total tax-xogħol iġġenerat. L-appellant isemmi b'analoġija l-aġenti tal-bejgħ tal-proprjetà u jgħid li l-kummissjoni tagħhom tinħadem fuq il-prezz totali tal-bejgħ, u mhux fuq il-qligħ li tkun ser tagħmel l-aġenzija. Għal darb'oħra il-Qorti jkollha tagħmel riferiment għall-prova li tinsab *a fol.* 17 tal-proċess, sabiex tasal għall-konklużjoni li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-kummissjoni għandha titħallas lill-attur f'dawk il-każijiet biss fejn is-soċjetà konvenuta tirreġistra qligħ fuq il-volum tal-bejgħ.

L-appellant isostni li fuq l-ammont ta' bejgħ iġġenerat matul ix-xahar ta' Mejju 2016, is-soċjetà konvenuta pperċepiet dħul ta' €119,999.34, li fuqhom huwa tħallas l-ammont ta' €3,721 bħala kummissjonijiet, filwaqt li jifdal l-bilanċ ta' €2,279 dovut lilu. Mid-dokument esebit *a fol.* 17 jirriżulta li l-profitti li ġġenerat is-soċjetà konvenuta tul ix-xahar ta' Mejju kienu jammontaw għal €27,925.25, filwaqt li hemm xogħol ieħor li sar li s-soċjetà konvenuta ma ġġenerat l-ebda qligħ fuqu. Jirriżulta wkoll li 5% ta' €27,925.25 jammontaw għal €1,396.26, u dan minkejja li l-attur jgħid li għal dan ix-xahar huwa tħallas total ta' €3,721 f'kummissjonijiet mis-soċjetà konvenuta. Din il-Qorti, minkejja li fliet bir-reqqa kull ċifra ċċitata mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-

Tribunal, kif ukoll iċ-ċifri indikati fid-dokumenti u fl-*invoices* ippreżentati mix-xhieda, ma ssib l-ebda sostenn għal dak li qiegħed jiġi pretiż mill-appellant.

Mid-dokumenti esebiti *a fol.* 28 *et seq.* tal-atti proċesswali tat-Tribunal, jirriżulta li għax-xahar ta' Frar 2016, li kieku l-attur kellu jitħallas 5% kummissjoni fuq il-profitti li ġġenerat is-soċjetà konvenuta, dan kien jipperċepixxi ħlas ta' €414.27, filwaqt li ħlas ta' 5% fuq id-dħul kollu ġġenerat mis-soċjetà konvenuta kien iwassal għal ħlas ta' €1,937.40 lill-attur. Bl-istess mod, ħarsa lejn iċ-ċifri għal Marzu 2016, twassal għal kummissjoni ta' €763.56 f'każ li l-5% tiġi kkomputata fuq il-profitti li għamlet is-soċjetà konvenuta, filwaqt li f'każ li l-5% tinħadem fuq il-prezz totali tax-xogħol, il-ħlas tal-kummissjoni lill-attur jkun jammonta għal €3,020.50. Bl-istess mod għax-xahar ta' April, 5% fuq il-profitti ġġenerati mis-soċjetà konvenuta jwasslu għaċ-ċifra ta' €3,098.21, filwaqt li 5% fuq il-volum tal-bejgħ kollu ġġenerat iwasslu għas-somma ta' €10,283 f'kummissjonijiet lill-attur. Minkejja dan, ma jirriżultax mill-provi li saru dawn il-ħlasijiet lill-attur, u kemm it-Tribunal kif ukoll din il-Qorti jistgħu jistrieħu biss fuq dak li ntqal fix-xhieda sabiex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom. L-appellant jgħid li huwa tħallas dak kollu li kien dovut lilu mis-soċjetà konvenuta sa April 2016. Jirriżulta li f'April 2016, l-attur irċieva *cheque* fl-ammont ta' €2,000 bħala *advance payment* għal kummissjonijiet futuri li jistgħu jkunu dovuti lilu u jirriżulta li dan tħallas lilu minħabba eżiġenzi ta' safar personali li huwa kellu. Din il-Qorti kkonsidrat li huwa ferm inverosimili li kieku l-attur verament kellu jitħallas €10,283 f'kummissjonijiet għax-xahar ta' April 2016, huwa kien ser jingħata €2,000 bħala *advance payments* għal

kummissjonijiet futuri li jistgħu jkunu dovuta lilu proprju fl-istess xahar. Għandu jingħad ukoll li l-prova tal-ammonti li effettivament ġew imħallsa lill-attur mis-soċjetà konvenuta tul ix-xhur ta' qabel Mejju 2016, kellha ssir minnu stess, u mhux titħalla għall-Qorti li tagħmel hi l-komputazzjonijiet tagħha abbażi ta' dak li l-partijiet fil-kawża għoġobhom iressqu bħala prova. Barra minn hekk kien jinkombi fuq l-attur li jipprova dak li qiegħed jiġi allegat minnu, jiġifieri li fix-xhur ta' qabel Mejju 2016 huwa tħallas kummissjoni ta' 5% fuq il-bejgħ totali iġġenerat mis-soċjetà konvenuta, xi ħaġa li ma ġietx ippruvata.

*Ir-raba' aggravju:* *It-tieni eċċezzjoni ma kellhiex tiġi milqugħa għax is-soċjetà appellata ma rnexxilhiex tipprova li l-attur kien responsabbli mill-ġbir tal-'credit notes', jew li dawn il-'credit notes' ma nġabrux mis-soċjetà appellata.*

L-appellant jgħid li s-soċjetà appellata ma rnexxilhiex tipprova li l-attur kien responsabbli mill-ġbir tal-*credit notes* li s-soċjetà Motherwell Bridge kellha tipprovdi lis-soċjetà konvenuta u kien minħabba li dawn il-*credit notes* ma nġabrux li s-soċjetà konvenuta m'għamlitx profitti fuq parti mix-xogħol li ġie kkompletat. Din il-Qorti, apparti li ma tarax ir-rilevanza ta' dan l-aggravju fir-rigward tat-talbiet attriċi, tqis li *caso mai* tali prova kellha tinġieb mill-appellant innifsu, *multo magis* meta mill-provi jirriżulta li dan eventwalment mar jaħdem proprju mas-soċjetà Motherwell Bridge, u għalhekk f'każ li ried jipprova dak li kien qiegħed jiġi allegat minnu, ċertament la kellu diffikultà

sabiex iħarrek il-persuna idonea biex tagħti x-xhieda tagħha f'dan ir-rigward u lanqas ma kellu diffikultà biex jippreżenta d-dokumenti relattivi.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li m'għandha tilqa' l-ebda wieħed mill-erba' aggravji mressqa mill-attur.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravji kollha imressqa mill-appellant, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mit-Tribunal, u spejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**